TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

12

Avviż Numru CCT 23/13-F

Joseph u Joan Grixti

vs

!Solid

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mija, disgħa u tmenin ewro u disgħin ċenteżmi (€189.90), rappreżentanti prezz ta' libsa *ossia suit* li wara li ntużat darba ġew innotati marki permanenti.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *suit* li ntużat darba fl-okkażjoni tal-Griżma ta' l-Isqof tat-tifel u wara li ntużat dehru marki permanenti.

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jeżamina s-*suit* ukoll peress li nġabet quddiemu.

Daparte tas-soċjeta' ntimata, ssottomettew illi l-marki li hemm mal-libsa, huma marki tas-*seat belt* jew xi ħaġa estranja għal-libsa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonkludi li l-marki huma marki tal-ħadida tal-mogħdija u mhux difett fil-materjal.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Avv Martin Fenech

Arbitru